Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TLETTAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 30 ta' Jannar 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 9.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

.

### 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.

Il-Minuti gew approvati wara li saru il-korrezzjonijiet fuq li s-Sur Zammit qal li hu jaqbel mac-Cimiterju biss ma jaqbilx mal-Krematorju, filwaqt lis-Sur Raymond Azzopardi u s-Sur Ralph Cassar ma jaqblu xejn mal-proposta tac-Cimiterju. Is-Sur Gerry Borg talab ukoll li ssir korrezzjoni fuq l-ammont li jiswew l-ex premises tal-HSBC fejn hu qal li dawn ma jiswewx iktar minn €200,000 flok €250,000.

### 2. KORRISPONDENZA

🗁 Ittra minghand EC Design rigward espropjazzjoni ta' art fi Triq il-Konti R Barbaro. Is-Sur Ralph Cassar qara din il-korrispondenza filwaqt lis-Sur Cordina qal li sakemm din l-art tinghadda lill-Kunsill b'xejn mhiex problema.

🗁 Email minghand is-Sur Ralph Cassar rigward cycling activity. Is-Sur Cassar qal li rigward din l-attivita ha jiltaqa' ma' l-organiser hu.

🗁 Is-Segretarju Ezekuttiv resqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill bosta tickets li ir-residenti qalghu meta pparkjaw f'xi ljieli meta huma kienu pparkjati f'kantunieri u fuq MC Bay. Is-Sur Cordina qal li ha jara t-tickets hu ghax min ipparkja fuq tali MC Bay u f'kantunieri ipparkja di buona volonta tieghu u ghaldaqstant il-Kunsill m'ghandux say fihom.

🗁 Korrispondenza minghand is-Sur Joe Borg rigward restawr ta' postijiet storici li jinkludu ir-restawr tas-SunDial, ir-restawr tal-Wignacourt Irrigation Chamber, it-thejjija ta' rapport fuq ir-restawr li hemm bzonn isir fil-Knisja Parrokkjali u thejjija ta' rapport fuq ix-xogholijiet li hemm bzonn isiru fuq it-train embankment. Il-Kunsill qabel fuq it-tieni u l-ahhar imam mhux fuq l-ewwel u t-tielet minhabba li dawn jew qeghdin fuq propjeta' private jew huma ta' entitajiet ohra. Ghandha tintbaghat ittra f'dan is-sens. Il-Kunsill ha jiehu hsieb ukoll, fl-istess waqt id-devoluzzjoni tal-embankment, Mount Carmel (parti zghira mill-area) u Gnien il-Palma.

Is-Sur Cassar fakkar ukoll sabiex tintbaghat ittra ta' ringrazzjament ghad-donazzjoni ta' kotba lill-Island Books.

Is-Sur Cordina issospenda l-laqgha sabiex jitkellem is-Sur Reuben Sammut fuq ic-cimiterju fit-triq tar-Rabat bejn Triq l-Imdina u Wied il-Hemsija li ha jkun jesa' elf qabar u fih area ta' madwar 17,000 metru kwadru. Hu qal li bhalissa hemm 6,000 applikazzjoni pendent filwaqt li qal li Rabat u H'Attard huma ristretti ghax imdawrin bil-bini u dan il-post hu centrali ghaz-zewg lokalitajiet. Kompla billi qal illi l-iktar talbiet li hemm ghal oqbra huma minn H'Attard filwaqt li r-Rabat hemm 627 talba. Hu qal li 75% tal-oqbra ha jkunu privati u l-kumplament ha jkunu komuni. Is-Sur Stefan Cordina staqsa jekk jingħata u johrog il-permess, residenti minn H'Attard hux ha jinghataw prijorita'. Is-Sur Reuben Sammut ma setghax jaccerta dan.

Is-Sur Marco Spiteri dahal f'dan il-mument ta' diskussjoni.

Is-Sur Sammut qal li b'kollox ser ikun hemm 75 parking space, tank taht l-oqbra ghad-dissipazzjoni tal-fdalijiet mill-igsma, post t'adorazzjoni, ufficini, u l-oqbra ha jkunu kollha b'linji gwida. Dan ser jinbena fi zmien 18-il xahar, bi stone paving concrete blocks. Qal li l-area hi mitluqa ghall-ahhar u mhix fertile ghax ilha ma tintuza ghall-agrikoltura u ghaldaqstant 80% mhux fertili, filwaqt li mill-20 l-ohra, 14% mizrugha bid-dwieli li dahlu fl-encroachment u l-kumplament prezentement jintuza ghal zriegh ta' qamh. Hu kompla billi qal li l-krematorju jista' jsir jew le, pero, bih u minghajru xorta jista' jsir ic-cimiterju. Is-Sur Marco Spiteri qal li d-dhahen tal-krematorju huma ta' nkwiet ghall-Kunsill filwaqt li s-Sur Sammut irrisponda li d-distanza hija minn tal-inqas 400m u din hija l-inqas distanza li qed jimmarka l-line l-ahdar tal-ODZ. Intqal ukoll li tista' ssir No Objection filwaqt li tinzamm rizerva fuq il-krematorju. Is-Sur Spiteri qal li dak li ma ntoghgobx kien il-kliem li tpogga fuq l-applikazzjoni tal-MEPA li dan ha jsir b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali tar-Rabat u Ħ'Attard. Is-Sur Sammut qal li no objection ga saret mill-Kunsill way back in 2003 u li din kienet biss applikazzjoni preliminari. Is-Sur Remigio Bartolo qal li dak li jinkwetah hu li ma jixtieqx hu li l-Kunsill m'ghandux jaghti x'jifhem li dan hu xi business deal. Is-Sur Reuben Sammut ikkonkluda li din l-applikazzjoni ghandha outline permit ghal 20 sena u li fih jista' jsir iktar minn 11,000 difna.

X'hin is-Sur Sammut halla l-kamra, is-Sur Cassar qal li fis-snin bejn 1986/1987 kien diga beda jittella xi bini illegali f'din l-area li gie mwaqqaf minnufih u li din hija tattika sabiex jitilqu l-area biex tidher zdingata. Hemm optzjonijiet ohra tenna hu, fosthom li tigi riabilitata l-area. Is-Sur Raymond Azzopardi flimkien mas-Sur Borg qablu u qalu li huma joggezzonaw bil-qawwa. Is-Sur Marco Spiteri qal li cimiterju jwaqqa' l-valur tal-propjeta u li n-no objection saret at a preliminary stage u ma jfissirx li issa at planning stage, il-Kunsill ghandu jaqbel. Is-Sur Cassar kompla billi qal li qabar privat mhux bzonn essenzjali. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill jew ha joggezzjona kompletament jew kompla mieghu is-Sur Bartolo, ma jsirx biss il-krematorju. Is-Sur Ralph Cassar ippropona li jigi kkuntattjat il-perit taghna u tingibed l-attenzjoni tal-Kunsill mill-perit rigward il-policies fuq din l-area.

## 3. APPROVAZZJONI TA' FINANCIAL STATEMENT

Dan l-item gie maqbuz

F'dan il-waqt dahlu xi residenti minn Triq Sant'Anna rigward oggezzjoni ghall-PA/00171/13 li jirrigwardaw proposta ghall-olterazzjoni fir-residenza ezistenti u bdil fl-uzu in parti ghal Class 4 shop. Is-Sinjura Isabel Agius qalet li f'dan in-naqra triq li ga hu dejjaq, hemm ga two commercial outlets li kellhom problema bihom fil-passat specjalment bil-kazin tal-banda fejn fil-hemda anka bocca tal-billiard kienet tinstama'. Qalet li huma xtraw propjeta fil-qalba appuntu ghax dan igib mieghu certu kwiet fl-area. Hi qalet, filwaqt li ghaddiet kopja ta' xi punti ghall-oggezzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv, li Class 4 shop huwa biss pass 'l boghod minn Class 6 shop. Is-Sur Cordina qal li ha jaghmel kuntatt mal-MEPA rigward il-klassifikazzjoni. Minn-naha tieghu il-Kunsill qal li

ser joggezzjona sal-15 ta' Frar pero' kompla s-Sur Cordina, ir-residenti ghandhom jaghmlu oggezzjoni f'isimhom wiehed wiehed.

## 4. APPROVAZZJONI TA' DRAFT BUDGET

Il-Budget gie approvat bhala draft wara li inghaddew dawn il-kummenti:
Is-Sur Gerry Borg esprima ir-rizervi tieghu fuq l-ispejjez abbinati mal-podologista, mat-trasport tal-anzjani u l-catering waqt l-attivitajiet tal-istess anzjani. Qal li ghal-podologista dawn ir-residenti gewwa Santa Katerina, jistghu jitilghu ir-Rabat. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-prijorita' tal-Kunsill hu li jaghti servizz lir-residenti filwaqt lis-Sur Remigio Bartolo qal li tac-cajt li dawn jigu mgieghela jhallsu filwaqt lis-Sur Spiteri qal li din hija pura vendikazzjoni kontra l-anzjani. Is-Sur John Bonnici staqsa jekk dawn jistghux ihallsuhom is-sorijiet imma il-maggoranza tal-Kunsilliera qalet li dawn zgur jispiccaw ihallsuhom l-anzjani. Kien hemm mistoqsijiet ukoll minn xi Kunsilliera fuq l-ammonti taht nominal code 2311 Road Pavements. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet filwaqt lis-Sur Cassar qal li forsi jistghu isiru xi bankini minn dan l-ammont li fih hemm inkluz il-pavimentar ta' Triq il-Mingel. Hawnhekk is-Sur Spiteri qal li ma kienx konxju li dan l-issue ghadu ghaddej, li kieku s-Sur Cassar ma staqsiex fuq jekk jistghux isiru l-bankini minn dan il-fond. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fl-email li ntbaghat, fil-genb, hemm miktub kull fond x'jinkorpora fih u ghaldaqstant dan ix-xoghol gie listed ghall-approvazzjoni.

Fl-ahhar tad-diskussjoni ittiehed vot u b'hamsa favur, tlieta kontra, u astenzjonijiet xejn, il-budget ghadda kif inhu.

## 5. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI JANNAR-DICEMBRU

Is-Sur Alfred Zammit staqsa kif is-salarju tas-Segretarju Ezekuttiv f'Marzu kien mod, f'Dicembru iktar, u terga' f'Jannar jerga' iktar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li f'Ottubru 2012 kien hemm il-hrug tal-Collective Agreement li rrizulta f'zieda tas-salarji tal-impjegati kollha mas-settur pubbliku. Dan barra li f'Dicembru hemm inkluz ukoll mas-Salarju il-bonus annwali ta' Dicembru li hu parti minn dak li jinghataw erba' darbiet fis-sena. Dan barra li f'Jannar mal-paga kien hemm il-Performance Bonus li ghal kuntrarju tal-impjegati l-ohra, hi ma haditx f'Dicembru, minhabba li mxiet mal-istruzzjonijiet tad-Dipartiment u qabel ma giet l-approvazzjoni minn naha taghhom, ma setghetx tiehdu. Dan barra li il-pagi kollha jigu awditjati u ccekkjati sia mill-awdituri kif ukoll mill-accountants tal-istess Kunsill, u ghaldaqstant, huma precizi u korretti u skond il-ligi. Is-Sur Cordina irrimarka li kull pagament li jsir fuq ic-cedola, jigi ccekkjat mill-istess accountants u awdituri. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonkludiet li b''hekk kien hemm id-differenza bejn il-paga ta' Marzu u Dicembru u terga dik ta' Jannar. Is-Sur Zammit staqsa wkoll ghaliex is-Sur Joey Gauci, f'Jannar inghata zewg cekkijiet ta' €13,539.39 u €12,058.39. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li l-ewwel ammont kien jinkludi il-pruning fuq is-sigar fi Triq Hal Warda u bnadi ohra, filwaqt li t-tieni wiehed kien jinkludi l-uprooting ta' tliet sigriet fi Triq Xatbet l-Art u kien ghalhekk li dawn kienu kemmxejn iktar minn dak tas-soltu. Is-Sur Gerry Borg semma kemm sewa lill-Kunsill il-gbir ta' skart domestiku nhar ta' Hamis fix-xhur ta' Ottubru u Novembru li l-Kunsill seta ghadda minghajrhom. Is-Sur Ralph Cassar irrisponda li inutli nghidu fuqhom issa, la gew approvati. Hu qal li laqqas biss kienu qed jingabru tlett tunnellati minn 3,600 familja. Is-Sur Cordina qal li dan id-diskors kien diga' ntqal u li n-nies inghataw cans jidraw is-sistema sakemm tqassam il-kalendarju u l-prijorita' tal-Kunsill hija propju li jeduka. Is-Sur John P Bonnici staqsa allura, jekk issa qed jingabar il-hgieg nhar ta' Hamis, ghalfejn ma jitnehhewx mill-bring-in sites, minhabba l-istorbju generat? Is-Sur Cassar qal, li l-maggoranza ddecidiet li dawn ghandhom jibqghu filwaqt lis-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li dawn xorta ghadhom effettivi.

## 6. UPDATE XOGHOLIJIET

Dan l-item gie maqbuz

**7. TENDERS**

Saret diskussjoni fuq it-tenders mitfugha ghal knis manwali u tindif. Il-Kunsill beda jiddiskuti il-prezzijiet tat-tenders filwaqt lis-Segretarju Ezekuttiv ghaddiet rapport imhejji bi kriterji fuq dak li gie mitlub fit-tender vis-a-vis il-prezz u dak li l-Kuntratturi ghandhom u lesti li joffru. Is-Sur Alfred Zammit qal li hu minn naha tieghu jirrimarka biss li l-knis fl-ahhar sena mar lura, pero, tort ta' min ma jafx. Minhabba li kien hemm time restriction ghax kienu ga saru d-9.00pm u il-Kunsill ma setax jaqbel fuq it-tenderers abbazi ta' certi kriterji, gie deciz li l-laqgha tigi aggornata. Fl-ahharnett, is-Sur Stefan Cordina ressaq ghall-approvazzjoni zewg rizoluzzjonijiet li gew iffirmati minnu u s-Sur Gerry Borg rigward l-appuntar ta' deputat Segretarju Ezekuttiv fl-eventwalita' li s-Segretarju Ezekuttiv ma tkunx tista' tattendi ghal-laqghat li jmiss tal-Kunsill minhabba it-tqala u twelid u rizoluzzjoni ohra rigward hames ijiem cioe, 40 siegha li is-Sinjura Mifsud talbet li jigu mgedda mis-sena 2012 ghal 2013. Dawn iz-zewg resoluzzjoniet gew proponuti mis-Sur Stefan Cordina u ssekondati mis-Sur Gerry Borg. Kulhadd qabel.

Il-laqgha giet ghalhekk aggornata ghal nhar it-Tnejn 4 ta' Frar fis-6.00pm

## Kontinwazzjoni – Laqgha Nru 13 - 4 ta' Frar 2013

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 4 ta' Frar 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 7.15pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**7. TENDERS**

Is-Sur Ralph Cassar kien ghadu ma wasalx x'hin bdiet il-laqgha. Is-Sur Remigio Bartolo ta rendikont ta' kif il-Gimgha l-1 ta' Frar hu, is-Sur Stefan Cordina, is-Sur John Bonnici u s-Sur Gerald Borg iltaqghu mat-tenderers cioe, Innovative Services Ltd, Joseph and Charles Gauci u Veladrians. Is-Sur Remigio Bartolo ghadda kopja ta' rapport fuq dak li l-istess Kunsilliera iddiskutew ma' kull tenderer filwaqt li kompla billi qal li huma issikkawhom kemm felhu. Qal ukoll li l-istess rapport kif wiehed jista' jara, jew jekk hemm bzonn jaqrahhulom, jaghti rakkomandazzjoni li t-tender ghandha tinghata lil Joseph u Charles Gauci u dan wara li

- Innovative Services fuq il-punti mqajjma li kienu ugwali ghal kulhadd hargu bi proposta li jitpoggew skips imsakkrin madwar ir-rahal li fihom jingabar l-iskart tat-

toroq li terga jigi migbur wara, u fuq dan il-punt ma qablux il-Kunsilliera minhabba li l-policy tal-Kunsill hija li ma jkollniex skips madwar ir-rahal,

- Veladrians qalu li il-haddiema fuq dan it-task ha jkunu huma stess u li naturalment dawn m'ghandhomx esperjenza f'dan ix-xoghol u li l-makkinarju jinxtara jekk jinghataw it-tender, infatti, dawn l-istess zewg persuni ga ghandhom tender mal-Kunsill Lokali H'Attard fuq il-gbir ta' skart domestiku
- Joseph and Charles Gauci deheru li kienu l-iktar armati b'dsatax-il haddiem minghajr problemi magguri f'dan is-settur ghal zmien twil filwaqt li wrew l-intenzjoni li jinvestu f'zewg manual vacuum cleaners u dak kollu li l-Kunsill jezigi minnhom.

Kien ghalhekk li l-konkluzjoni tal-Kunsilliera prezenti ghal laqgha li saret il-Gimgha waqghet fuq Charles and Joseph Gauci. Is-Sur Ralph Cassar dahal f'dan il waqt. Hu qal li jidher sew li J&C Gauci kienu l-unika tenderers l-iktar armati pero dawn ghandhom jibqghu taht osservazzjoni u l-Kunsill jinsisti fuq certu kriterji. Is-Sur Stefan Cordina qal li jekk ix-xoghol ma jsirx sewwa, dejjem tista' tinhareg default notice u wara tlett default notices il-kuntrattur jinbidel. Is-Sur Gerry Borg staqsa jekk jistax isir Contract Agreement ghal tliet xhur biss. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li l-Contract Agreements jigu ffirmati ghal sena u jistghu jigu mgedda ghal tliet snin. L-importanti, tenna s-Sur Cassar li it-toroq jigu miknusa sew minghajr hafna skuzi. Is-Sur Stefan Cordina qal li hemm l-iskeda filwaqt lis-Segretarju Ezekuttiv qalet li din l-iskeda irrevedietha skond dak li kien mixtieq mill-Kunsill fil-laqghat ta' qabel u tista' dejjem tigi riveduta.

Is-Sur Marco Spiteri xtaq iwassal dan il-punt: li ghalkemm japprezza dak kollu u l-hin li taw il-Kunsilliera sabiex jiltaqghu mal-Kuntrattur, ihoss li €8,000 huma hafna u li dan il-Kuntrattur ilu jinghata chances sabiex fejn hemm nuqqasijiet, jirrangahom. Kien jippreferi li kieku inghatat probation lil xi hadd gdid u dan jigi ttestjat. Kien f'dan il-waqt li qal li l-Kunsilliera sabiex jaraw jekk filfatt din it-tender tistax tinhadem bl-inqas ammont. Infatti, is-Sur Spiteri hadem l-ispejjez tal-haddiema kollha tal-gbir ta' skart u kull spiza ohra relatata mal-kuntratt u l-Kunsill wasal ghal konkluzjoni li wara t-tnaqqis tal-5% dan il-kuntratt, filfatt ma setax jinhadem b'inqas minn €61,000 jekk mhux b'telf. U ghalhekk dan il-kuntratt kien ha jinhadem skond il-flus ghad-dispozizzjoni u dan jista' jkun fattur negattiv fis-servizz li jinghata. Is-Sur Bonnici qal li fl-opinjoni tieghu la J&C Gauci lesti jgibu apparat mhux mitlub fl-istess tender minhabba li dan hu kuntratt ta' knis manwali, iktar jaccentwa li 19-il haddiem huma forza bizzejjed biex jahdimha din it-tender. Is-Sur R.Bartolo qal lli dawn ghandhom jinghataw gimghatejn cans u qabel isir l-iffirmar tal-kuntratt dawn iridu jkunu f'idejhom.

Is-Sur Stefan Cordina ikkonkluda li hu fl-opinjoni tieghu imur fuq ir-rakkomandazzjoni moghtija u juri lil kuntrattur li they mean business. Il-Kuntratt jigi rivedut wara sitt xhur jew qal is-Sur Borg, tlett xhur, u li ghaldaqstant, jekk kulhadd jaqbel, dan il-kuntratt jinghata lil Joseph and Charles Gauci b'rizerva li jigu segwiti l-istruzzjonijiet moghtija.

Rigward it-tender ta' Sqaq il-Pjazzetta Nru 2, peress li Attard Bros kienu l-unika tenderers, din it-tender inghatat awtomatikament lilhom.

## 8. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Xtaq jigbed l-attenzjoni fuq ilment li rcieva minn residenti ta' Triq Ferdinant Inglott rigward parkegg u gheluq ta' l-istess triq waqt il-hin li johorgu t-tfal mill-iskola u li ghalkemm hemm tabelli li ma jistghux jidhlu vetturi f'dan il-hin, xorta t-triq qed tigi mblukkata f'kull moment tal-hrug tat-tfal tal-iskola. Is-Sur Stefan Cordina qal li saru diversi laqghat mat-Transport Malta kif ukoll mas-Supretendent tal-Pulizija f'dan ir-rigward filwaqt li l-istess skola dejjem irrifjutat li tqabbad Pulizija extra duty jew Gwandjan Lokali sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tar-residenti. Ghandha ssir reminder lil Pulizija u Transport Malta

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq is-Seminar li ser isir fuq il-beneficcju u l-uzu tas-sigar fl-iskola Primarju nhar id-19 ta' Frar fis-6.00pm.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Li saru l-interviews rigward l-iskema ta' dizabilita' fit-30 ta' Jannar mill-11am sa 12pm u li wara l-intervisti kollha li saru hu hejja rapport (li ha jigi anness ma dawn il-minuti) li gie cirkolat madwar il-mejda Dan ir-rapport gie mifli, maqrugh u spjegat sew mis-Sur Bartolo. L-indikazzjonijiet skond ezercizzju mhejji attaposta a bazi ta' punti irrakomnada lis-Sur George Borg bhalha l-ahjar fost dawk kollha intervistati. Kull Kunsillier prezenti cioe', s-Sur Bartolo, s-Sur Cordina, u s-Sur Raymond Azzopardi taw punti lil kull kandidat skond il-kwalitajiet tieghu u l-iktar wiehed li gab fosthom kien appuntu is-Sur George Borg. Il-Kunsill qabel ma' din l-ghazla.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Hu mar jara dar fi Triq in-Nutar Zarb flimkien mas-Sinjuri Borg u Spiteri li tista' tkun promettenti bhala ufficini tal-Kunsill. Din id-dar ghandha 35 pied faccata u 105 tul. Ghandha wkoll garaxx ta' zewg karozzi. It-talba ghaliha hi ta' €450,000 u hu negozzjabbli. L-unika problema hi li quddiem l-istess dar hemm access ghal parking ta' 4 karozzi biss li jekk jipparkjaw l-istaff u membri tal-Kunsill, il-pubbliku ma jkollu mkien fejn jipparkja hlief boghod hafna. Is-Sur Borg u Spiteri qalu li s-sular t'isfel jista' jinbiegh lill-Gvern u jinfetah bhalha *Child Care Centre* filwaqt li s-sular ta' fuq jista' jinbena minhabba li l-bini ta' madwar hu kollu bi tlett sulari.
- Qal ukoll li tkellem mas-Sinjuri Dingli fuq dar ohra promettenti fi Triq Hal Warda k/m Triq il-Mosta u li ghandu imur jara u jiddiskuti prezz maghhom.
- L-ahhar dar li ra kienet dik ta' Triq P.P. Rubens, li ghalkemm kbira u accessibbli, kemmxejn boghod mic-centru tar-rahal. Hu ghadu ma nghatax prezz ghal din il-binja. Ghalhekk informa l-Kunsill li ser jibqa' jiddikuti.

Fl-ahharnett, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hi waslet fl-ahhar tat-tqala taghha u ghaldaqstant jista' jkun li ma tkunx tista' tattendi ghal laqgha ohra. F'dan il-kaz, qed tigi applikata ir-rizoluzzjoni li ghaddiet fit-30 ta' Jannar, u hekk kif hi tircievi l-approvazzjoni mid-Dipartiment ghal fini ta' laqghat biss, tkun tista' tattendi minflokha is-Sinjorina Yanica Calleja. Qalet ukoll li sakemm ma jinqala' xejn, hi tarahom id-darba li jmiss u li fil kaz hi ha tkun barra bil-pregnancy leave ghal 16-il gimgha pero xorta ha tibqa ' taghti is-servizzi kollha relatati max-xoghol taghha mid-dar u hekk kif tkun f'pozizzjoni li tista' tattendi xi gurnata, dan ha taghmlu wkoll waqt is-16-il gimgha leave taghha. Irringrazzjat lil kulhadd

**7. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.15pm għal iktar 'l quddiem

________________________ ____________________

Sindku Data